MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 65/2011

**GO plc – C-22334**

**vs**

**Alicia Kinmont – ID-297788-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici, li precedentement kienet topera taht l-isem ta' Maltacom plc, is-somma ta' tliet mija hamsa u sebghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€375.84c), in konnessjoni ma' diversi servizzi (*AC 40094709*).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Dokumenti mehmuza:

*Dok. A – Prospett – AC40094709*
*Dok. B – Kuntratt datat 6 t'Ottubru 2008*
*Dok. C – Estratt mir-registru elettorali*

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija hamsa u sebghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€375.84c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------